MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2012

Numru. 329/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs**

**Martin Farrugia**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra ’l hawn fuq imsemmi Martin Farrugia, bin George Dolindo u Ewkaristika neé Vella, imwieled fl-10 ta’ Novembru 1961 u residenti fil-fond numru 16, Pjazza San Gorg, Rabat, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita’ numru 51561(G) li gie akkuzat talli

nhar it-8 ta’ April 2011 ghall-habta ta’ 17:45hrs fi Triq ir-Repubblika, Rabat, Ghawdex waqt li kien qed jaghmel uzu minn vettura bin-numru tar-registrazzjoni FBN 974 tal-ghamla Toyota Corolla;

1. b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni u b’nuqqas ta’ hila fis-sewqan tajjar lil Giorgia Spiteri u kkagunalha griehi ta’ natura gravi hekk kif iccertfika Dr. Vella MD tal-Isptar Generali ta’ Ghawdex;

2. kif ukoll saq l-imsemmija vettura b’mod traskurat, perikoluz u bla kont;

3. kif ukoll talli sar recediv b’diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta u Ghawdex datati 17.10.1997, 06.07.2006 u 03.07.2007 liema sentenzi huma defenittivi u ma jistghux jigu mhassra;

Il-Qorti giet mitluba li f’kaz ta’ htija tissospendi l-licenzja tas-sewqan ghall-perjodu ta’ zmien li l-istess Qorti jidrilha li hu xieraq.

Rat id-dokumenti esebiti ;

Semghet il-provi;

Semghet ukoll illi l-kwerelanta Giorgia Spiteri rrinunzjat ghal dak li hu rinunzjabbli;

**Ikkunsidrat**

Illi filwaqt li mill-provi migbura ma jirrizultax bl-ebda mod li l-imputat kien qed isuq b’mod traskurat, perikoluz u bla kont u b’hekk it-tieni (2) imputazzjoni ma tirrizultax, fir-rigward tal-ewwel (1) u tat-tielet (3) imputazzjonijiet dawn jirrizultaw pruvati u ghaldaqstant il-Qorti, filwaqt li, minhabba nuqqas ta’ provi, tillibera lill-imputat mit-tieni (2) imputazzjoni migjuba kontra tieghu, wara li rat Artikoli 226(1)(a) u 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati tal-ewwel (1) u tat-tielet (3) imputazzjonijiet u tikkundannah multa komplessiva ta’ mija u hamsin ewro (€ 150.00).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------